**15 ta' Marzu, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Maria Buhagiar

*versus*

Rosario Buhagiar

**Sentenza - Esekuzzjoni Proviżorja**

*Il-proċedura li hija prospettata meta tintalab l-esekuzzjoni proviżorja tas-sentenza ppronunzjata mill-Qorti ta' l-ewwel grad hija dik dettaljata fl-artikolu 266 Kap. 12 u tinqasam f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi titlob a) notifika tar-rikors lid-debitur u żmien jumejn biex jirrispondi; b) trattazzjoni fil-qosor mill-partijiet, u ċ) deċiżjoni kemm jista' jkun malajr wara l-preżentata tar-rikors.*

*Biex dan isir l-atti tal-kawża jkunu fil-Qorti ta' l-ewwel grad.*

Il-Qorti:-

L-Onorevoli Qorti Ċivili Prim'Awla fil-**31 ta' Jannar, 1995** ippronunzjat is-sentenza fil-kawża **Maria Buhagiar *vs* Rosaria Buhagiar** (Ċitazzjoni 1510/94);

Fl-**1 ta' Frar, 1995** Maria Buhagiar ippreżentat rikors biex titlob li s-sentenza tiġi proviżorjament esegwita - skond l-artikolu 266 Kap. 12;

Is-subinċiż 3 (b) ta' l-istess artikolu jgħid:

"Il-Qorti ta' l-ewwel grad għandha, wara li tisma' fil-qosor il-partijiet, tiddeċidi r-rikors kemm jista' jkun malajr wara l-preżentata tiegħu.

Iżda:

(a) *Omissis*

(b) Jekk, fuq appell mis-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad, l-introduzzjoni ta' l-atti quddiem il-Qorti fi grad ta' appell ssir qabel id-deċiżjoni tar-rikors mill-Qorti ta' l-ewwel grad, dak ir-rikors għandu jiġi ttrattat u deċiż mill-Qorti fi grad ta' apell, u, f'kull każ bħal dan, jekk ir-risposta għar-rikors ma tkunx ġiet ippreżentata qabel, dik l-introduzzjoni għandha tiġi ppreżentata fil-Qorti fi grad ta' appell";

Fuq ir-rikors ta' l-**1 ta' Frar, 1995** l-ewwel Qorti ordnat in-notifika f'digriet tat-**2 ta' Frar, 1995** iżda din saret biss fid-**9 ta' Frar, 1995** u dan għaliex ma ġietx ordnata kif imiss, notifika permezz tal-purtier. Rosario Buhagiar mbagħad irrisponda fit-**13 ta' Frar, 1995** u t-trattazzjoni ġiet appuntata għall-**20 ta' Frar, 1995, fl-10.30.am.**;

F'dik id-data ġie nnotifikat Rosario Buhagiar bl-appuntament u għalhekk il-Qorti ddifferiet il-kawża għat-**22 ta' Far, 1995, f'nofs**

**in-nhar**, u wara li f'din id-data l-Qorti semgħet lir-rikorrenti u lill-avukati tal-partijiet, ħalliet il-kawża għall-"kontinwazzjoni tal-provi" *għall-__1 ta' Marzu, 1995, fin-12.30 p.m.__*;

Fl-**__24 ta' Frar, 1995__** Rosario Buhagiar ippreżenta rikors fejn informa l-Qorti li fit-**__23 ta' Frar, 1995__** kien ippreżenta petizzjoni ta' appell mis-sentenza tal-31 ta' Jannar, 1995 u talab lill-Qorti;

"biex tiddikjara lilha nnfisha inkompetenti li tibqa' tisma' aktar dan ir-rikors u b'hekk ma tieħux konjizzjoni aktar tiegħu fid-dawl ta' dak li jesiġi l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ...";

Fl-1 ta' Marzu, 1995 l-Qorti ta' l-ewwel grad, wara li semgħet *lid-difensuri tal-partijiet, tat provvediment, li jgħid:*

"Illi r-rikors ta' l-attriċi (għall-esekuzzjoni proviżorja) għadu pendenti;

Minn eżami ta' dak li jiddisponi l-inċiż (b) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 266 Kap. 12, jirriżulta li ġaladarba ġew introdotti l-atti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u r-rikors għadu ma ġiex deċiż minn din il-Qorti, ir-rikors għandu issa jiġi ttrattat u deċiż mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Rat ukoll l-artikolu 778 (1) ta' l-istess Kap. 12.

Għaldaqstant tiddikjara li hija inkompetenti *rationae materiae* li tibqa' tieħu konjizzjoni tar-rikors ta' l-attriċi bħala konsegwenza ta' l-appell interpost mill-konvenut intimat u tordna li a tenur tal-liġi, l-atti tar-rikors jintbagħtu, fi żmien sebat ijiem tax-xogħol minn din id-deċiżjoni, permezz tar-Reġistratur, lill-Onorabbli Qorti ta' l-

Appell biex hija tiddeċidi definittivament liema hija l-Qorti kompetenti";

Għandu jiġi mill-ewwel osservat illi l-artikolu 778 (1) jirregola kwistjonijiet ta' kompetenza bejn **żewġ qrati superjuri ta' l-istess grad** meta l-kwistjoni tkun ***rationae materiae***. M'hemm l-ebda dubbju li l-Qorti Ċivili Prim'Awla li ppronunzjat is-sentenza tal-31 ta' Jannar, 1995 hija l-Qorti kompetenti biex tisma' rikors għall-esekuzzjoni proviżorja ta' dik is-sentenza. Ebda kwistjoni ta' kompetenza *rationae materiae* ma tidħol, u huwa manifest li l-ewwel Onorabbli Qorti ma tistax tipprospetta xi konflitt ta' kompetenza bejnha u din il-Qorti tat-tieni grad *rationae materiae* u tordna li l-atti jiġu mibgħuta lil din l-aħħar Qorti biex din tiddeċidi konflitt ta' kompetenza bejnha u l-istess Qorti ta' l-Appell;

L-artikolu 778 huwa, kif intqal, applikabbli biss meta tkun ġiet deċiża negattivament kwistjoni ta' kompetenza *rationae materiae* bejn kompetenzi ta' żewġ qrati superjuri ta' l-istess grad - bejn il-Qorti tal-Kummerċ u l-Qorti Ċivili Prim'Awla - u f'dawk il-każijiet biss, u f'ebda każ ieħor, ma tista tiġi adottata l-proċedura tar-rinviju awtomatiku lill-Qorti ta' l-Appell biex din tiddeċidi l-kwistjoni. U dan biss, ukoll, meta l-kwistjoni ta' kompetenza ma tkunx tirrigwarda kwistjonijiet oħra;

Għalhekk il-provvediment huwa irritwali u konsegwentement null;

Il-proċedura li hija prospettata għal meta tintalab l-esekuzzjoni proviżorja tas-sentenza ppronunzjata mill-Qorti ta' l-ewwel grad hija dik dettaljata fl-artikolu 266 Kap. 12 u tinqasam f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi titlob (a) notifika tar-rikors lid-debitur u żmien jumejn

biex jirrispondi; (b) trattazzjoni fil-qosor mill-partijiet, u (ċ) deċiżjoni ke nm jista' jkun malajr wara l-preżentata tiegħu (tar-rikors);

Biex dan isir, l-atti tal-kawża jkunu fil-Qorti ta' l-ewwel grad;

Meta dik id-deċiżjoni tkun għadha ma ngħatatx, prinċipalment, u *naturalment għaliex, ir-rikors ma jkunx ġie ppreżentat* tempestivament u l-**atti jiġu mibgħuta lil din il-Qorti ta' l-Appell** - artikolu 244 Kap. 12 - allura dak ir-rikors, bħala parti mill-atti tal-kawża, jidħol quddiem din il-Qorti u l-Qorti ta' l-ewwel grad, b'dik it-trasmissjoni ta' l-atti, tiġi **eżawtorata** u ma tkunx tista' tkompli tieħu konjizzjoni tar-rikors billi l-atti ma jibqgħux quddiemha u r-rikors irid jiġi ttrattat u deċiż minn din il-Qorti ta' l-appell fuq l-atti li issa jkollha quddiemha;

Fil-każ preżenti, l-atti daħlu f'din il-Qorti fit-**23 ta' Frar, 1995** u minn dik id-data l-ewwel Onorabbli Qorti ġiet eżawtorata milli tkompli tieħu konjizzjoni, tittratta u tiddeċidi r-rikors għaliex l-atti ma jkunux aktar quddiemha;

Għaldaqstant, ukoll il-provvediment mogħti fl-**1 ta' Marzu, 1995** huwa, anke għal din it-tieni raġuni, irritwali u null kif kienet irritwali u nulla kull proċedura li ġrat quddiem l-ewwel Qorti wara dik id-data tat-23 ta' Frar, inkwantu dawk il-proċeduri ġraw mingħajr is-sostenn fundamentali ta' l-atti ġudizzjarji ;

Prevja għalhekk l-annullament tal-provvediment ta' l-1 ta' Marzu, 1995 din il-Qorti issa se tittratta u tiddeċidi r-rikors għall-esekuzzjoni provviżorja tas-sentenza tal-31 ta' Jannar, 1995 ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Spejjeż riżervati.